

Brussell, 20 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10400/16

COEST 166

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Ġunju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10172/1/16 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku kif adottati mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2016.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku
Kunsill Affarijiet Barranin, 20 ta' Ġunju 2016**

1. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar sistema integrata tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Artiku (JOIN(2016) 21 final) adottata fis-27 ta' April 2016 mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Mejju 2014¹.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' Artiku sigur, sostenibbli u prosperu. Filwaqt li jinnota żieda fl-attenzjoni u l-attività globali fir-reġjun tal-Artiku, il-Kunsill ifakkar li l-UE għandha interess b'saħħtu li tibni fuq l-involvement transsettorjali eżistenti tagħha fl-Artiku u tiżviluppah aktar. Politika tal-Artiku ambizzjuża mifruxa fl-ispettri kollha u koordinata tajjeb għandha tikkontribwixxi lill-involvement tal-UE f'reġjun strateġikament dejjem aktar importanti. L-Artiku huwa żona ta' kooperazzjoni attiva bejn atturi reġjonali u globali ewlenin; it-tisħiħ tal-involvement tal-UE fl-Artiku huwa wkoll importanti mill-perspettiva tal-politika barranija u ta' sigurtà.
3. Filwaqt li jirrikonoxxi r-responsabbiltà primarja tal-Istati Artiċi, il-Kunsill jikkunsidra li ħafna mill-kwistjonijiet li jaffettwaw ir-reġjun jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv permezz ta' kooperazzjoni reġjonali jew multilaterali. L-UE tista' tagħti kontribut sinifikanti anke f'fora reġjonali u multilaterali li jittrattaw kwistjonijiet Artiċi, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Artiku, il-Kunsill Ewro-Artiku ta' Barents u d-Dimensjoni tat-Tramuntana. Sħubiji oħra huma wkoll importanti, inkluż l-Alleanza tal-Oċean Transatlantiku għar-Riċerka.
4. Il-Kunsill jaqbel li l-UE għandha tkompli timpenja ruħha ma' popli indiġeni u komunitajiet lokali tal-Artiku biex tiżgura li l-fehmiet u d-drittijiet tagħhom jiġu rrispettati u promossi fl-iżvilupp kontinwu tal-politiki tal-UE li jaffettwaw l-Artiku.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014 dwar l-iżvilupp ta' Politika tal-Unjoni Ewropea favur ir-Reġjun tal-Artiku.

5. L-attenzjoni tematika u ġeografika u r-reazzjonijiet mil-lat ta' politika deskritti fil-Komunikazzjoni Konġunta jenfasizzaw b'mod ġust l-iżvilupp sostenibbli u l-użu tal-Artiku filwaqt li jiġu salvagwardjati l-ambjent delikat u l-ekosistemi importanti tiegħu.
6. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi l-hteġġa ta' azzjoni globali urġenti biex jitnaqqsu u jiġu evitati r-riskji sinifikanti li joħolqu t-tibdil fil-klima u l-impatti ambjentali fuq ir-reġjun tal-Artiku, ikkawżati b'mod partikolari minn attivitajiet globali. B'mod partikolari fil-qasam tal-mitigazzjoni u tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw soluzzjonijiet ambizzjużi u koerenti mal-impatt lokali u globali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-impenji li jkunu saru fi ftehimiet ambjentali reġjonali u multilaterali, b'mod partikolari fil-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima ta' Diċembru 2015. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu adottati fil-15 ta' Frar 2016².
7. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli u l-innovazzjoni, il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ is-sinerġiji bejn strumenti ta' finanzjament varji li għandhom l-għan li jtejbu l-iżvilupp reġjonali sostenibbli fl-Artiku permezz tal-istabbiliment ta' Forum tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Artiku b'rispett lejn il-pożizzjoni u l-kompetenzi tal-parteċipanti, u konferenzi sussegwenti kif imħabbar fil-Komunikazzjoni Konġunta.
8. Filwaqt li jfakkar fl-appoġġ qawwi tiegħu għal-libertà tar-riċerka fir-reġjun tal-Artiku, il-Kunsill jaqbel li l-isforzi tax-xjenza u r-riċerka tal-Artiku mill-UE u l-Istati Membri tagħha jikkomplementaw lil xulxin u jagħtu kontributi ewlieni fl-oqsma tematiċi kollha indirizzati fil-Komunikazzjoni Konġunta, kif ukoll fir-rigward tal-infrastrutturi tar-riċerka. Filwaqt li jilqa' l-intenzjoni li jinżammu livelli għoljin ta' finanzjament għar-riċerka relatata mal-Artiku skont Orizzont 2020 u filwaqt li jinżamm finanzjament reġjonali b'bilanċjat, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem fil-livelli kollha biex tikseb sinerġiji fil-programmi ta' finanzjament tal-UE kif ukoll bejn programmi ta' monitoraġġ u riċerka nazzjonali, ċirkumpolari u internazzjonali - inkluż programmi spazjali - u biex tkompli bl-isforzi biex ittejjeb il-kwalità tar-riċerka, il-ġbir tad-data u l-kapaċità ta' osservazzjoni fl-Artiku permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar id-Diplomazija Ewropea fil-qasam tal-Klima wara l-COP 21.

9. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni tal-UE fin-negozjati dwar ftehim internazzjonali biex jiġi evitat sajd mhux regolat fl-Oċean Artiku Ċentrali, f'qasam li jaqa' fil-kompetenza esterna esklużiva tal-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'fidma relatata ma' ġestjoni skont iż-żona, inkluż żoni protetti tal-baħar, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' u b'rispett lejn partijiet ikkonċernati, organizzazzjonijiet u proċessi reġjonali, kif ukoll f'oqfsa istituzzjonali multilaterali. Fir-rigward tas-sigurtà marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis, il-Kunsill jilqa' wkoll l-adozzjoni, mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, tal-Kodiċi Internazzjonali għall-Bastimenti li Joperaw f'Ilmijiet Polari, u jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu.
10. Filwaqt li jibni fuq approċċ prekawżonarju mmirat biex isaħħaħ ir-reżiljenza ambjentali tar-reġjun, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora modi kif l-UE tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tal-industrija u ta' infrastruttura reżiljenti għall-klima, inkluż teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għal klima kiesħa u telekomunikazzjoni fl-Artiku, f'konformità, fost l-oħrajn, mal-pjanijiet u l-politiki tat-TEN-T. Kooperazzjoni kummerċjali u tan-negozji msaħħa, qafas dinamiku għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs) kif ukoll turiżmu sostenibbli fl-Artiku jistgħu jkunu fatturi importanti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjoekonomiku u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u r-reġjun kollu, inkluż fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi indiġeni li jagħtu kontribut għall-għajxien u l-iżvilupp.
11. Il-Kunsill jinkoraġġixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE fil-kuntest tal-isfidi tal-Artiku. F'oqfsa reġjonali u multilaterali kif ukoll fil-kooperazzjoni bilaterali u fid-djalogi politiċi mas-sħab tal-Artiku u sħab oħra involuti fil-kwistjonijiet tal-Artiku, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw kwistjonijiet li huma ta' rilevanza għal dan ir-reġjun fuq bażi regolari. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ewlenija ta' kooperazzjoni kontinwa mill-qrib ma' komunitajiet lokali, popli indiġeni kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti tan-negozju. L-UE tistenna b'interess l-implimentazzjoni bikrija tal-istatus ta' osservatur tagħha f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Kiruna tal-Kunsill tal-Artiku ta' Mejju 2013. Il-Kunsill jenfasizza wkoll ir-rwol importanti li għandhom l-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill tal-Artiku bħala membri u osservaturi fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-Artiku f'konformità mal-istatus rispettiv tagħhom.

12. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, f'konformità mal-kondiviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, biex ikomplu jimplimentaw u jsegwu b'mod attiv l-impenji enfasizzati u biex jissorveljaw mill-qrib żviluppi klimatiċi, ambjentali, marittimi u soċjoekonomiċi fir-reġjun u biex jirrapportaw regolarment lill-Kunsill.
-